RIŻORSI ELETTRONIĊI DWAR SAĦĦA U SIGURTÀ GĦALL-GĦALLIEMA

L-għalliema fl-iskejjel tal-primarja se jkollhom aktar ċans jispjegaw kunċetti ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol wara li tnedew numru ta' riżorsi elettronici mmirati lejn tfal ta' bejn seba' u 11-il sena mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA).

Din l-inizjattiva tagħmel użu minn għadd ta' riżorsi edukattivi elettroniċi li huma disponibbli għall-għalliema. Dawn ir-riżorsi huma mmirati lejn tfal ta' bejn iseba' u l-11-il sena u jużaw il-karattru magħruf mat-tfal, Napo, f'numru ta' attivitajiet u filmati edukattivi iżda fl-istess ħin immaġinattivi. Dawn tfasslu mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol flimkien man-Napo Consortium.

Ir-riżorsi fihom pjan ta' lezzjonijiet fuq suġġetti differenti li l-istudenti fl-iskejjel tal-primarja x'aktarx jiltaqgħu magħhom fid-dar jew fl-iskola, bħal sinjali ta' saħħa u sigurtà, riskji għall-ġilda u l-identifikazzjoni ta' riskji u perikli.

Kull wieħed mis-sitt lezzjonijiet jinkludu gwida ta' introduzzjoni għall-għalliema, filmati qosra u riżorsi. Il-filmati ta' Napo u l-attivitajiet kreattivi għandhom l-għan li jesploraw is-suġġett b'mod informattiv u li tieħu gost bih. Min-naħa l-oħra, in-natura interattiva talpjan tal-lezzjonijiet jassigura li t-tfal jinżammu interessati u involuti fis-suġġett.

Dawn ir-riżorsi tfasslu b'mod li jista' jintużaw waqt suġġetti differenti bħal *Health and Safety*, PSCD, Xjenza u Matematika fost l-oħrajn, u jużaw il-karattru ta' Napo biex it-tfal ikunu aktar involuti fil-lezzjonijiet.

Waqt zjara fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi, iċ-Ċerpersin tal-Awtorita d-Deputat Deo Debattista qal li l-edukazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol minn meta nkunu żgħar tgħin biex ikollna ċittadini aktar responsabbli u mħejjijin aħjar għad-dinja tax-xogħol, imrawmin f'kuxjenza ta' prevenzjoni. Dan għax din issir parti integrali mill-ħajja ta' persuna, u twassal għal postijiet tax-xogħol aktar sani u produttivi. Irrimarka lill-istudenti li għandhom rwol importanti f'dan il-qasam u ħeġġighom biex jiġbdu l-attenzjoni tal-ġenituri jew kuraturi tagħhom biex ma jaħdmux fil-periklu.

Il-materjal jipprovdut lill-għalliema mill-OHSA jinsab fuq is-sit elettroniku http://www.napofilm.net/en/napo-for-teachers.

Il-Kunċert tal-Bank APS jiftaħ l-iMdina Biennale

L-attività tant mistennija Mdina Cathedral Contemporary Art Biennale 2015 ingħatat bidu lbieraħ filgħaxija bl-iStabat Mater ta' Euchar Gravina, imtella' mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali mmexxija minn Christopher Muscat.

Il-kunċert jifforma parti millpremju speċjali tal-ġurija li ngħata lil Euchar Gravina fil-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Mużika 2012 tal-Bank APS. Il-ġurija internazzjonali kienet affaxinata bix-xogħol ippreżentat mis-Sur Gravina u aktar minn hekk impressjonata li dak iż-żmien kellu biss 17-il sena.

Barra minnhekk, bħala parti millpremju, Stabat Mater ta' Gravina se tiġi mnedija f'album, li ġie rrekordjat professjonalment minn Studio 7 taħt il-*label* GEGA.

"Għadni niftakar ċar meta qaluli bil-premju. Hu ta' unur għalija li jkolli xogħoli interpretat mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali fil-Katidral tal-Imdina u quddiem daqstant dinjitarji u mistiedna - sensazzjoni li ma nistax niddeskrivi. Din kienet esperjenza eċċezzjonali li se nibqa' ngħożż għall-kumplament ta' ħajti. Bħala artist, nixtieq nirringrazzja lill-Bank APS għall-kontribuzzjoni kontinwa lejn il-kultura u t-twemmin qawwi fit-talent lokali," qal is-Sur Gravina.

Is-Sur E.P. Delia, iċ-Ċerman tal-Bank APS, qal li "l-iStabat Mater ta' Euchar Gravina tista' tiġi meqjusa bħala 'unika' minn diversi perspettivi. Hi l-aħħar kompożizzjoni ta' ċiklu fuq tliet snin li jippreżenta xogħol mill-Kompetizzjoni tal-Bank APS għall-Kompożituri Maltin. Dan il-kunċert jikkumplimenta inizjattivi oħra li l-Bank APS appoġġja matul l-2015".

Il-*premiere* ta' Stabat Mater ta' Euchar Gravina, li se tinżamm taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech, l-Isqof ta' Għawdex, se tinkludi wkoll il-parteċipazzjoni tas-sopran Andriana Yordanova u l-Coro Bel Canto mmexxi minn Hemann Farrugia Frantz.

Il-Bank APS hu s-sieħeb ewlieni fl-iMdina Cathedral Contemporary Art Biennale 2015.